219 S

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
16 JUL 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

# FIT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

| | |
|---|---|
| **Permess** | PA/09378/19 |
| **Post** | Llandrindod & Glendariff, 40, Triq Gorg Borg Olivier, Sliema |
| **Proposta** | Demolition of existing terraced houses, retaining facades, and construction of a hostel (Class 3A) consisting of a basement, 5 floors and a receded floor |
| **Applikant** | Joe Xuereb |

**RIKORS GĦAS-SOSPENSJONI tal-Perit Martin Xuereb, Karin Xuereb, Karen Briscoe White, Neil Briscoe White, Giselle Runza, Juanita Bonello, Victor Muscat, Olga Muscat, Mark Asciak, Helene Asciak, Geraldine Said Pullicino, Prim' Imħallef Emeritus Dr Joseph Said Pullicino, Carmen Glanville, Albert Huber, Carmela Huber, Dr Clyde La Rosa, Emilienne La Rosa, Jacqueline Preca, Vincent Cassar, Moira Ferando, Jeanne Vassallo Grant, Margaret Schembri, Margaret Carbonaro, George Francis Wells, Louisette Pauline Portanier, George Simonds, John Mifsud, Kevin Camilleri, Francesca Pisani, Paola Azzopardi, Corinne Gerada, Anna Cassar, Doretta Zammit Lupi, Arthur Zammit Lupi, Madalene Bernard, Lydia Attard Montebello, Charles Zammit, Dr Ena Cremona, Helen Grown, Marie Antoinette Zammit, Henry F. Coppini, Giovanna sive Vanna Coppini, Francesca Tabone, Paul Grima, George Arrigo, Martin Fenech, Giuseppe Joseph Vella, Marlene Attard Montalto, Austin Attard Montalto, Ann Selvaggi, Giovanni Selvaggi, Luca Selvaggi, GianFranco Selvaggi, Peter Gatt, Mark Gatt, Alexia Gatt, Dorian Jude Vassallo, Cecily Federico, Carla La Rosa, Margaret Said Pullicino, Jayne Hawkey Caroline, Anne Pisani, Michael Johnson, Michael Borg Cardona, Jason Anthony Copperstone, Rita Diacono, Sarah Paris, Michela Johnson, Nick Johnson, Louis Said Pullicino, Agnes Said Pullicino, Dolores Doris Magri, Maria Carmela Lina Mallia, Peter Borg Costanzi, Corinne Borg Costanzi, Nicholas Bonnici, George Preca, Dr Conrad Portanier, David Pace, Clare Pace, Alan Tabone**

Jesponu bir-rispett:

Illi kontestwalment ma' dan ir-Rikors, l-esponenti intavolaw rikors tal-appell, quddiem dan l-Onorabbli Tribunal, mill-approvazzjoni tal-permess PA/09378/19.

Illi l-appell fil-mertu jittratta dwar diversi vjolazzjonijiet evidenti tal-*policies applikabbli* fosthom il-ksur tal-*height limitations* applikabbli, ħsara irriversibbli għall-*istreetscape* tal-lokalità u ħolqien ta' traffiku. Partikularment, kemm-il darba l-iżvilupp kellu jitkompla waqt il-pendenza tal-appell ser ikun diffiċli li eventwali żvilupp jitreġġa lura.

Illi b'mod partikolari jirriżulta li fejn jirrigwarda l-komputazzjoni tal-*height limitation* l-Awtorità marret kontra dak li jiddisponu l-*policies* applikabbli u approvat żvilupp li jikser tali *height limitations*, hekk kif dettaljatament imfisser fir-Rikors tal-Appell tal-esponenti.

Illi permezz ta' dan ir-Rikors, l-esponenti qegħdin jitolbu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-imsemmi permess u dana stante li l-preġudizzju li ser jiġi kkawżat bl-eventwali żvilupp *de quo* ser ikun ferm akbar mill-preġudizzju riżultanti mis-sospensjoni mitluba b'dan ir-rikors.

Illi kemm-il darba s-sospensjoni ma tintlaqax l-iżvilupp li minnu qiegħed isir appell ikun jista' jinbeda b'mod li jkun ferm aktar diffiċli, jew għal kollox infattibbli, li jitreġġa' lura.

Illi tali talba għas-sospensjoni mhux ser tkun ta' preġudizzju għad-detentur tal-permess għaliex ix-xogħol ta' demolizzjoni huwa sospiż fil-lokalità tas-Sliema waqt ix-xhur tas-sajf.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jissospendi l-eżekuzzjoni tal-permess PA/09378/19 pendenti l-eżitu ta' dan l-Appell.

Avv. Massimo Vella
43E, St. Paul's Buildings
West Street
Valletta

| | |
|---|---|
| Esponenti: | 33, Triq Sir George Borg, Sliema |
| Notifiki: | 1. Joseph Xuereb (Permit Holder)<br>2. Awtorità tal-Ippjanar |